**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Jannar 2025**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 598/2024 JVC**

**Maria Nicolette magħrufa bħala Marcolette Anastasi (K.I. Nru. 652582M) kif debitament rapprezzentata permezz ta' prokura favur Rebecca Ann Anastasi (K.I. Nru. 0236289M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Maria Nicolette magħrufa bħala Marcolette Anastasi talbet kif isegwi:

'Illi Maria Nicolette maghrufa bhala Marcolette Anastasi hija residenti barra minn Malta u ghalhekk qeghda tigi rapprezentata f'dawna l-proceduri minn ohtha Rebecca Ann Anastasi li hija debitament awtorizzata li tidher f'dawna l-proceduri permezz ta' prokura hawn annessa u mmarkata bhala Dok A1;

Illi permezz tal-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru sitta hamsa tnejn hamsa (6525) il-genituri tar-rikorrenti indikaw li r-rikorrenti ghandha tissejjah bl-ismijiet 'Maria Nicolette' u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'A';

Illi minkejja l-isem imnizzel fl-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru sitta hamsa tnejn hamsa (6525), ir-rikorrenti minn dejjem kienet maghrufa bhala 'Marcolette' Anastasi u dan mhux biss fost il-familja, fost il-hbieb u l-konoxxenzi taghha izda ukoll minn istituzzjonijiet ufficjali;

Illi *di piu*, l-isem ta' 'Marcolette' huwa l-isem uzat ghar-rikorrenti fil-hajja ta' kuljum mill-familja, hbieb u konoxxenzi taghha kif ukoll minn min hi kienet jew ghada tinteragixxi fil-hajja ta' kuljum bhal skejjel, entitajiet ta' tahrig u banek;

Illi r-rikorrenti ser tezebixxi ghadd ta' dokumenti li juru li hi minn dejjem kienet u ghada konsistentement tissejjah bl-isem ta' 'Marcolette', u dan kif ukoll ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza (Doks. B – F);

Illi tali inkonsistenza qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedurali ghar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni tal-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru sitta hamsa tnejn hamsa (6525) b'mod illi minflok l-intestatura 'Maria Nicolette' taht il-parti *'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah'* titnizzel l-intestatura 'Marcolette';

Illi din il-kawza qed issir a bazi tal-Artikolu 253(2) u 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzoni opportuna, joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u hija maghrufa bhala 'Marcolette';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet necessarji fuq l-Att tat-Twelid bin-numru sitta hamsa tnejn hamsa (6525) tas-sitta ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (06/12/1982) sabiex fil-kolonna ntestata 'parti *'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah'* l-isem 'Maria Nicolette' jigi kkancellat u sostitwit b' 'Marcolette' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tar-rikorrenti bhal karta tal-identita;

3. Tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li d-Direttur intimat jaghmel il-modifiki opprtuni.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi fil-mertu l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

3. Illi minn dak li jidher fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti noe, hija twieldet ġewwa Malta nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru 1982. Skont l-istess Att tat-Twelid taħt il-kolonna "Ismijiet mogħtija" hemm indikati l-ismijiet "Maria Nicolette, Dolores, Antoinette" filwaqt illi taħt il-kolonna "Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ" hemm indikat l-isem "Maria Nicolette" u dana skont kif dikjatat minn missier ir-rikorrenti "Raymond ANASTASI" u għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

4. Illi nonostante, r-rikorrenti noe qiegħda tisħaq illi r-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bl-isem "Marcolette" u mhux bħala "Maria Nicolette". Sabiex issaħħaħ il-posizzjoni tagħha ġew preżentati numru ta' dokumenti li jindikaw l-isem użat mir-rikorrenti huwa "Marcolette";

5. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess, l-esponent jirrimetti ruħu għat-talbiet salv dak li ġej:

6. Illi l-Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrenti hija verament magħrufa bl-isem "Marcolette" u li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi speċifikament rigward it-**tieni talba**, f'dik il-parti fejn qiegħed jintalab tibdil fil-karta tal-identita', l-esponent jiċċara illi l-korrezzjonijiet ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jsiru fuq l-Atti ta' Stat Ċivili u mhux fuq dokumenti uffiċjali oħra bħal karta tal-identita'. *In ogni caso*, l-esponent jista' jagħmel tibdil fuq Atti li huma fil-

poteri tiegħu ossia Atti ta' Stat Ċivili u mhux fuq dokumenti oħrajn mhux maħruġa minnu;

8. Illi speċifikament rigward it-**tielet talba**, sabiex l-esponent ikun f'pożizzjoni li jirrifletti t-tibdil li jista' jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fuq Atti ta' Stat Civili oħrajn, ir-rikorrenti noe trid tispeċifika l-Atti li fuqhom trid illi jiġi rifless it-tibdil bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed u dan skont l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent jirrileva illi huwa ma sab ebda Atti ta' Stat Ċivili ieħor fil-poteri tiegħu għajr l-Att tat-Twelid imsemmi aktar qabel;

9. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ din l-azzjoni mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk id-Direttur m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti**;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 15 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat illi fiha turi l-isem tar-rikorrenti bħala "Marcolette" u mhux l-isem "Maria Nicolette". Rat ukoll l-affidavit ta' oħtha Rebecca N. Anastasi a fol. 22 tal-proċess fejn hija wkoll tikkonferma bil-ġurament illi oħtha kienet dejjem magħrufha bl-isem ta' "Marcolette" u mhux bl-isem ta' "Maria Nicolette".

Illi mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta illi effettivament ir-rikorrenti kienet sa minn eta' żgħira magħrufha bl-isem ta' "Marcolette" u mhux bl-isem ta' "Maria Nicolette" u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta limitatament iżda għad-dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta, dejjem limitament għad-dokumenti fil-poter tad-Direttur intimat;
5. Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**7 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**7 ta' Jannar 2025**